MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1177/2011

**A.M. Developments Limited, socjeta` registrata Malta bin-numru C18510**

***kontra***

**Alphonse Sant (576660M) u Pauline Micallef (459657M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-<u>rikors guramentat</u> prezentat fit-<u>28 ta` Novembru 2011</u> li jaqra :-

*1. Billi b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion il-konvenuta hawn intimata Pauline Micallef kienet weghdet li tbiegh diversi oggetti mmobbli lill-attur, u ntrabtet li tipprocedi sabiex tottjeni d-divizjoni tal-wirt tal-genituri taghha sabiex hija tkun f`pozizzjoni tittrasferixxi lill-attur il-proprjeta` diviza lilha provenjenti minn dan il-wirt tal-genituri taghha Rosario u Rita konjugi Sant, u ntrabtet b`kuntratt separat b`dejn antikretiku favur l-attur u dan b`kuntratt iehor li jgib l-istess data u fl-atti tal-istess nutar, liema kuntratti qeghdin jigu hawn esebiti u mmarkati dokumenti A u B ; u billi ghalhekk l-istess Pauline Micallef hija debitrici tal-istess attur rikorrent kif fuq inghad kif ukoll marbuta li tbigh lir-rikorrent dik il-proprjeta` immobbli lilha provenjenti mid-divizjoni tal-wirt tal-genituri taghha ;*

*2. U billi l-konvenut Alphonse Micallef gie debitament notifikat mir-rikorrent bil-kuntratti u assenjazzjonijiet fuq imsemmija u in partikolari bil-kuntratt ta` antikresi ;*

*3. U billi fl-1 ta` Lulju 1987 kienet mietet Rita Sant u fl-4 ta` Dicembru 1976 kien miet Rosario Sant, liema Rosario u Rita Sant jigu l-genituri tal-intimati Pauline Micallef u Alphonse Sant li huma t-tnejn l-unici ulied tal-istess Rita u Rosario konjugi Sant ;*

*4. U billi permezz ta` testment unica charta fl-atti tan-nutar Paul Pullicino tat-3 ta` Gunju 1957 u wkoll permezz ta` testment iehor in aggunta maghmul minn Rita Sant fl-atti tal-istess nutar tas-27 ta` Mejju 1987 il-genituri tal-intimati fuq imsemmija hallew bhala unici werrieta taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom lill-istess intimati Pauline Micallef u Alphonse Sant ;*

*5. U billi l-intimat Alphonse Sant qieghed jamministra l-wirt tal-genituri tieghu Rosario u Rita konjugi Sant u qieghed jigbor il-kirjiet tal-proprjeta` komuni minghajr qatt ma ta rendikont ta` din l-amministrazzjoni tieghu lir-rikorrent bhala kreditur antikretiku ; kif ukoll huwa f`obbligu li jaghti kont ta` kif qieghed jinvesti l-flus appartenenti lill-istess eredita` u l-imghax dovuti fuq l-istess ammonti sabiex jigu nkluzi fl-istess rendikont ;*

*6. U billi l-attur hawn rikorrent ghandu nteress li jinghata rendikont shih u fidil tad-dhul kollu li qieghed jaghmel l-istess intimat Alphonse Sant mill-amministrazzjoni fuq imsemmija u dan fil-kwalita` tieghu ta` kreditur tal-istess fuq imsemmija intimata Pauline Micallef ;*

*7. U billi dawn l-ereditajiet gew debitament denunzjati kif jirrizulta fl-annessi dokument ;*

*8. U billi f`dawn l-ereditajiet kien hemm diversi oggetti mobbli u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni ta` din il-kawza, il-maggor parti ta` liema jinsabu deskritti fid-dokumenti hawn annessi u li kollha gew denunzjati skont il-ligi mill-istess fuq imsemmija werrieta, u kien hemm ukoll flus u attivi ohra ta` liema l-istess intimat Alphonse Sant ghandu l-amministrazzjoni ;*

*9. U billi r-rikorrent jehtieg li jinghata rendikont shih u fidil tal-amministrazzjoni ta` dawn il-wirtijiet fuq imsemmija u dan sabiex huwa jkun f`qaghda li jesercita d-drittijiet tieghu fuq deskritti kontra d-debitrici tieghu Pauline Micallef u ghalhekk ghandu nteress li jinghata rendikont.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :-*

*1. Tikkundanna lill-konvenut Alphonse Sant sabiex jaghti lir-rikorrent, in konsiderazzjoni tad-drittijiet tieghu, kontra l-istess Pauline Micallef bhala kreditur taghha, rendikont shih u fidil tal-amministrazzjoni kollha tieghu tal-ereditajiet tal-fuq imsemmija Rita u Rosario konjugi Sant u dan f`terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti ;*

*2. U fil-kaz li l-konvenut intimat Alphonse Sant jonqos li jaghti dak ir-rendikont fiz-zmien lilu prefiss tawtorizza lir-rikorrent jiffissa s-somma lilu spettanti mill-istess amministrazzjoni bil-gurament tieghu ;*

*3. Tillikwida s-sehem minn din l-amministrazzjoni dovuta lill-intimata Pauline Micallef ;*

*4. Tikkundanna lill-konvenut Alphonse Sant sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata bhala dovuta lill-konvenuta Pauline Micallef u dan fil-kwalita` tieghu, l-istess attur, ta` kreditur tal-istess Pauline Micallef.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-13 ta` Jannar 2012 li taqra hekk :–

*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti u dana ghar-ragunijiet segwenti :-*

*1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta` rikorrenti ghandha minnufih u cioe` qabel ma jibda l-istadju tal-gbir tal-provi, tindika fuq liema artikolu tal-ligi qed tibbaza l-kawza odjerna ;*

*2. Illi s-socjeta` rikorrenti m`ghandhiex id-dritt illi titlob rendikont tal-amministrazzjoni tal-assi derivanti mill-wirt tal-genituri tal-esponenti u dana stante illi l-istess socjeta` rikorrenti mhijiex la eredi, la legatarja u lanqas ko-proprjetarja tal-istess assi / jew parti minnhom ;*

*3. Illi kuntratt ta` antikresi ma johloq ebda drittijiet reali izda biss drittijiet ta` natura personali, u ghalhekk tali drittijiet m`ghandhom ebda effett fil-konfront ta` terzi u s-socjeta` attrici ma ghandha ebda nteress guridiku li tressaq it-talbiet relattivi ;*

*4. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, f`kaz illi jirrizulta illi l-azzjoni tentata mis-socjeta` rikorrenti hija dik maghrufa ahjar bhala l-actio debitor debitoris mei, din qatt ma tista` tirnexxi u dana stante illi skont il-gurisprudenza nostrana, biex kreditur jittenta tali azzjoni, irid ikun kreditur kanonizzat jew alternattivament jitlob illi qabel xejn il-Qorti tiddikjara illi l-allegat debitur huwa fil-fatt debitur tieghu ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntratt ta` antikresi ghandu effett biss fuq assi mmobiljari, u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti m`ghandhiex dritt illi titlob ebda rendikont fuq assi mobbli ;*

*6. Illi l-kuntratt ta` antikresi mertu tal-kawza odjerna huwa null u bla effett stante illi m`ghandux l-elementi rikjesti mil-ligi, peress illi debitur ma jistax jidhol f`kuntratt ta` antikresi u jipprovdi proprjeta` mmobbli b`titolu ta` komproprjeta` ma` terzi, tant hu hekk illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma hadet il-pussess tal-oggetti mmobbli, element fundamentali ta` kull kuntratt ta` antikresi ;*

*7. Illi l-kuntratt indikat bhala wiehed ta` antikresi, fir-realta` qatt ma kien intiz bhala kuntratt ta` antikresi billi fir-realta` is-socjeta` rikorrenti qatt ma silfet ebda flus lill-intimata Pauline Micallef. Is-somma ta` Lm160,000 semplicement tirrapprezenta l-prezz tal-eventwali bejgh da parti tal-intimata Pauline Micallef lis-socjeta` rikorrenti ta` sehemha mill-wirt tal-genituri taghha. Tant ma kien hemm ebda self illi giet imposta l-kundizzjoni fl-istess kuntratt ta` antikresi illi l-hekk imsejjah self ma jistax jithallas qabel it-trapass ta` 300 sena ;*

*8. Illi l-eccipjenti Pauline Micallef ma hijiex debitrici tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement anke abbazi ta` dan l-istat ta` fatt, it-talbiet attrici huma legalment insostenibbli ;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba tas-socjeta` rikorrenti, hija wkoll legalment insostenibbli stante illi s-socjeta` attrici ma ghandhiex dritt illi taghmel tali talba ;*

*10. Minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` rikorrenti qatt ma nterpellat lill-eccipjenti Alphonse Sant sabiex jaghti xi rendikont u ghaldaqstant u fi kwalunkwe kaz, il-kawza odjerna hija wahda ntempestiva, u ghalhekk f`kaz illi kellhom jintlaqghu t-talbiet attrici, l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` attrici ;*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta` Frar 2012 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-kumpannija attrici ddikjarat illi l-azzjoni tal-lum hija l-*actio debitor debitoris mei.*

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Anton Camilleri fis-seduta tal-14 ta` Mejju 2012 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fil-15 ta` Marzu 2013.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta Pauline Micallef.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza meta kienet qeghda tinstema` minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat illi l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta meta kienet waslet propju fl-ahhar taghha ; infatti wara li ma sehhx tentattiv ta` transazzjoni, il-partijiet iddikjaraw l-gheluq tal-provi u talbu li t-trattazzjoni finali tal-kawza ssir permezz ta` noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Semghet ukoll lid-difensuri jaghmlu s-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm fis-seduta tat-12 ta` Frar 2015.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti moghti fl-istess seduta fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II. <u>Ix-xiehda ta` Anton Camilleri</u>**

**<u>Anton Camilleri</u>** – direttur tal-kumpannija attrici xehed illi huwa ried rendikont ta` l-amministrazzjoni ta` Alphonse Sant. Wara li ghamel il-kuntratt ta` antikresi ma` Pauline Micallef, huwa kien tkellem ma` Alphonse Sant u kemm –il darba talbu rendikont. Talbu wkoll sabiex jaghtih in-nofs li kien jispetta lilu mill-kuntratt ta` antikresi izda Sant dan qatt ma ghaddielu dan in-nofs. Huwa talab lill-avukat tieghu sabiex jikteb lil Sant izda dan qatt ma wiegeb ghall-ittri tieghu.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, huwa xehed li kellu konvenju, kif ukoll kuntratt ta` antikresi li kienu ffirmati fl-istess hin. Il-konvenju kien dwar l-akkwist ta` sehem ta` Pauline Micallef mill-wirt ta` ommha u ta` missierha ghall-ammont ta` Lm160,000. Ma ftakarx kemm kien l-ammont ta` l-antikresi. Il-ftehim kien dak li jidher fil-kuntratt tad-9 ta` April 1999. Huwa silef lil Pauline Micallef is-somma ta` Lm160,000. Huwa ried imexxi `l quddiem l-antikresi. Kien fuq parir tal-avukat tieghu li ghamel il-kuntratti mertu ta`din il-kawza. Dwar l-ghelieqi, stqarr li ma kellux pussess materjali taghhom ; il-gabillotti kienu jhallsu l-kera lill-konvenut Sant. Infatti meta kitbilhom hu bl-avukat qalulu li kienu diga` hallsu l-kera lil Sant. Meta kellem lil Pauline Micallef, din qaltlu li l-kera kien jigborha huha Alphonse Sant.

**III. <u>Ix-xiehda ta` l-konvenuta Pauline Micallef</u>**

**<u>Pauline Micallef</u>** xehdet illi fl-1999 kellha problemi finanzjarji ghaliex kienet ghadha kif isseparat minn zewgha. Anton Camilleri kien lest jixtri s-sehem taghha mill-wirt tal-genituri taghha ghall-prezz ta` Lm160,000 u hi

accettat. Dak il-hin stess hadha ghand in-Nutar Charles Mangion fejn iffirmat konvenju u thallset is-somma ta` Lm40,000 bhala akkont. In segwitu saret laqgha li ghaliha kienu prezenti l-Prof Ian Refalo u l-P.L. Edgar Montanaro. Dakinhar kien spjegat lilha li kellhom jigu ffirmati skritturi godda biex b`hekk jigi evitat il-hlas tal-boll. Qabel dakinhar ma kienet qatt semghet bil-kelma *antikresi* u ssemmiet mill-Prof Refalo. Kien domandata kemm kien jiflah huha. Fil-fatt kienu diskussi diversi figuri bejn in-Nutar, il-Prof Refalo u l-P.L. Montanaro sabiex jigi kalkolat kemm kellu jkun il-valur halli jigi evitat li huha jaghmel l-irkupru. Fl-ahhar il-Prof Refalo hareg bil-figura ta` Lm500,000. Il-konsulent taghha kien il-P.L. Edgar Montanaro. Staqsietu kellhiex tiffirma. Qalet li dan irrabja maghha u qalilha biex tiffirma.

Kompliet tixhed illi hija ma kenitx indunat illi kienet qeghda tiffirma konvenju gdid. Tghid li attwalment hija marret ghal dik il-laqgha biex tigbor il-bilanc tal-flus u li kienet qed tiffirma karti biex jigi evitat il-boll. In-Nutar qalilha li antikresi tfisser illi wara 300 sena, il-proprjeta` kienet ser tmur lura ghandh il-familja taghha, u li ghalhekk kien ahjar minn bejgh. Hija spjegat li ma tiftakarx li ffirmat prokura favur Anton Camilleri. Hija sostniet li kienet iffirmat karti varji u ffirmat ghax kellha l-assigurazzjoni tal-legali taghha li kollox kien sew. Hija sostniet li fl-beda hin ma giet infurmata li kellha taghmel xi kawza ghad-divizjoni tal-wirt tal-genituri. Hija nghatat il-bilanc tal-flus u marret tiddepozitahom il-bank. Wara dakinhar ma regax rat lil Anton Camilleri ghal bosta shih.

Kompliet tixhed illi hi ma kinitx qed tkellem lil huha peress li kienet bieghet sehemha mill-wirt. Darba minnhom rat lil huha u kellmitu. Qalilha li hassu offiz bl-agir taghha anke ghaliex kienet fethet kawza kontra tieghu. Hija spjegatlu li ma kienet taf xejn u ftehmet ma` huha sabiex tmur mieghu l-Qorti ghall-kawza dwar il-qasma. Meta marret il-Qorti, avukatessa qalet li kienet qeghda tidher ghaliha. Hija nsistiet li dawk il-proceduri kienu qed isiru minn wara daharha u minghajr il-kunsens taghha. Hija rrifjutat li tkompli bil-kawza u fil-fatt il-kawza twaqqfet. Sostniet li hija ma kienet ghamlet l-ebda kawza u lanqas irceviet xejn dwarha peress li l-indirizz li kien intuza kien ta` Anton Camilleri.

Il-konvenuta cahdet li qatt hallset flus lill-Av. Therese Cachia. Ma kenitx taf min hi Oxana Povenkina li tidher imnizzla fir-riferta tal-kawza li Anton Camilleri fetah minghajr il-kunsens taghha. Ghal habta ta` Lulju 2010, Anton Camilleri offrielha Lm5,000 biex taghmel id-divizjoni ma` huha izda hi rrifjutat. F` okkazjoni ohra, l-istess Camilleri offrielha Lm10,000 u hija rrifjutat. In segwitu gholla l-offerta ghal Lm15,000 u wara ghal Lm25,000 izda hija baqghet tirrifjuta. Qatt ma talbet flus lil Camilleri. Kien Camilleri li offrielha l-flus u hija rrifjutathom.

## IV. <u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

Il-Qorti tibda billi tghid illi l-ewwel eccezzjoni kienet sorvolata fis-seduta tal-14 ta` Frar 2012 meta s-socjeta` attrici ddikjarat li l-azzjoni taghha tal-lum hija l-*actio debitor debitoris mei.*

Fit-tielet eccezzjoni, kienet eccepita l-karenza ta` interess guridiku tas-socjeta` attrici li tistitwixxi din il-kawza. L-eccezzjonijiet l-ohra jolqtu l-mertu tal-azzjoni attrici. Il-Qorti sejra tittratta dawn l-eccezzjonijiet flimkien ghaliex ma tarax il-htiega li tifred il-pronunzjament taghha dwar it-tielet eccezzjoni mid-decizjoni taghha dwar l-eccezzjonijiet l-ohra.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Marzu 1990 fil-kawza "<u>**Muscat vs Buttigieg**</u>" (Kollez. Vol. LXXIV.iii.481) fejn jinghad illi :-

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali*

*fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari ; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Fis-sentenza taghha tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**Fenech Adami vs Abela et**" (Kollez. Vol. LXXXIII. ii.331) il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita esistenza o violazione del diritto`. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l- accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja.*

*Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-15 ta` Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet "Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et" li :-*

*'Citazzjoni tista` ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – `l`azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l`uno e l`altro di questi requisiti, l`azione e`infondata e inammissibile`."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Frar 1997 fil-kawza "**Eminyan vs Mousu` pro et noe et**" (Kollez. Vol. LXX1.ii.429) [ara wkoll : PA/RCP : "**Scerri et vs Farrugia et**" : 1 ta` Ottubru 2002] jinghad illi "*l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit millattur konsegwenzjali ghal tali agir*".

Fis-sentenza tat-18 ta` Jannar 2001 moghtija minn din il-Qortoi (**<u>PA/JRM</u>**) fil-kawza "**<u>Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**" kien ritenut illi :-

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B` ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta` l-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza flismijiet "Falzon Sant Manduca vs Weale", maqtugha fid- 9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta` dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta`din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta`Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "Francis Tonna vs Vincent Grixti", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

In-natura tal-azzjoni huwa l-fattur ewlieni sabiex tistabilixxi jekk is-socjeta` attrici kellhiex l-interess rikjest mil-ligi biex tippromwovi l-azzjoni tal-lum. Is-socjeta` attrici iddikjarat illi l-azzjoni taghha hija l-*actio debitor debitoris mei.*

L-**<u>Art 1143 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk :-

*Kull kreditur jista` biex jitħallas ta` dak li jkollu jieħu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali.*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**<u>Stephensen vs Sciberras Camilleri noe</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) gharblet b`reqqa n-natura tal-azzjoni skond l-Art 1143 tal-Kap 16.

Ghall-ezercizzju tal-*actio debitor debitoris mei* jew kif inhi maghrufa wkoll

l-*actio surrogatoria* mhuwiex mehtieg li l-kreditur jikseb il-kunsens tad-debitur tieghu ; l-azzjoni infatti tista` tigi promossa minkejja l-oppozizzjoni tad-debitur. Lanqas jista` jinghad li, bl-agir tal-kreditur, isehh surroga ( fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan il-principju tad-dritt) fil-jeddijiet li d-debitur jista` jkollu kontra d-debitur tieghu. Ghalhekk, ghalkemm l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala *actio indirecta vel obliqua*, ma hemm xejn x`izomm lill-kreditur li jmexxi `l quddiem il-pretensjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu.

Bhal fil-kaz ta` kull azzjoni ohra, min jippromwovi azzjoni ta` din ix-xorta (fil-kaz tal-lum : il-kreditur) ghandu juri l-interess li ghandu sabiex igib `il quddiem l-azzjoni. L-interess jigi nieqes kemm –il darba ma jkun hemm l-ebda dubju li d-debitur tieghu huwa solventi jew jekk l-istess debitur ikun diga` beda minn rajh proceduri kontra d-debituri tieghu biex jithallas minghandhom.

Fuq l-isfond ta` l-attwalita` tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu huwa fil-fatt dovut. Ma jistax ikun kaz ta` dejn sospiz b`xi kundizzjoni li zzomm lill-kreditur milli jibda procedura diretta kontra d-debitur tieghu.

Madanakollu, l-attur kreditur huwa meqjus bhala *procurator in rem suam*, u fl-azzjoni surrogatorja ghandu interess personali li mhux dejjem jaqbel ma` dak tad-debitur tieghu.

Kif sewwa tghid id-dottrina, l-attur kreditur fl-azzjoni surrogatorja iressaq azzjoni msejsa fuq jedd li mhuwiex tieghu izda tad-debitur tieghu u ghalhekk ma jkunx qieghed jagixxi *jure proprio* izda *ex juribus debitoris* u f`dak ir-rispett ikun l-*aventi causa* tad-debitur mhux semplici terz. Ikun attur fl-interess tieghu personali ghaliex ma jkunx qieghed jimmira lejn il-vantagg tad-debitur tieghu izda biss u unikament fl-interess tieghu ; dan l-interess jikkonsisti f`li jikseb, illum jew ghada, il-hlas tal-kreditu propju tieghu.

Issa l-mistqosija li tinsorgi hija din :

Sabiex l-azzjoni tkun integra fil-gudizzju, huwa bizzejjed ghall-kreditur li jharrek lid-debitur tad-debitur tieghu jew huwa mehtieg li jharrek ukoll lid-debitur ewlieni ?

Ghalkemm il-ligi taghna hija siekta dwar dan, bil-maqlub tal-ligi Taljana, ix-xejra minn dejjem kienet li tqis bhala mehtieg li d-debitur ikun imharrek ukoll, sabiex is-sentenza li tinghata favur il-kreditur, tkun torbot lid-debitur tieghu ukoll. B`hekk il-gudizzju jkun shih. Fil-kaz ta` success fl-azzjoni surrogatorja, il-kreditur ma jikseb l-ebda privilegg fuq il-gid mirbuh, li jidhol fil-patrimonju tad-debitur tieghu u jibqa` suggett ghal jeddijiet li kredituri ohrajn ta` dak id-debitur jista` jkollhom fuq hwejgu, sakemm f`kaz eccezzjonali ma ssirx talba diretta mill-kreditur attur ghall-kundanna tad-debituri tad-debitur tieghu ghall-hlas lilu tal-kreditu dovut.

L-elementi mehtiega ghall-azzjoni surrogatorja huma :

a) li l-attur ikun tassew kreditur tad-debitur ;

b) li l-kreditu tieghu huwa wiehed fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali ;

c) li d-debitur ikollu jedd, ta` natura patrimonjali u miftuh ghalih, kontra debitur tieghu ;

d) li l-attur irid juri li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma jimpurtahx, li bl-ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu ;

e) li l-attur irid juri li, bin-nuqqas ta` agir f`waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur ; u

f) li f`kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, l-attur irid jipprova wkoll il-kreditu d-debitur tieghu ghandu kontra t-terz debitur.

Filwaqt illi kif inghad, il-kreditur irid jipprova kemm il-kreditu tieghu kontra d-debitur tieghu, kif ukoll il-kreditu tad-debitur tieghu kontra d-debitur ta` dan, l-attur kreditur jista` jaghzel kemm li jikkonferma b`azzjoni precedenti il-kreditu tieghu kontra d-debitur, imma jista` wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-istess azzjoni surrogatorja. Dan izda jkun ifisser li, fil-kaz fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel mal-kreditur ikollu sentenza jew titolu ezekuttiv iehor li jikkonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll u jikseb il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas tal-kreditu. Jekk ghal xi raguni, l-attur kreditur ma jsehhlux jeghleb dan l-ewwel ghan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi `l quddiem ghat-tieni tragward.

Fl-azzjoni surrogatorja, l-attur imexxi *in jure debitoris*, u ghalhekk il-jedd li l-attur kreditur jista` jkollu fil-konfront tat-terza persuna la jista` jkun akbar u lanqas izghar mid-dritt li d-debitur ewlieni ghandu kontra min ghandu jaghti lilu. Id-debitur terz imharrek jista` jtella` kontra l-attur kreditur tal-kreditur tieghu kull eccezzjoni li hu jista` jqanqal kontra l-kreditur immedjat tieghu kieku dan kellu jfittxu ghall-hlas tad-dejn.

Sentenza ohra fejn saret analizi dettaljata tal-parametri ta` l-azzjoni kienet dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri [Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali] **(JD)** fis-7 ta` Mejju, 2013 fil-kawza "**Azzopardi et vs Mompalao noe et**" fejn inghad hekk :-

*"L-artikolu 1143 tal-Kap 16 jipprovdi :*

*'Kull kreditur jista` biex jithallas ta` dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu, barra minn dawk li huma ghal kollox personali'*

*Minn dan l-artikolu jemergi li l-kreditur qieghed jaghmel uzu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilu izda jkun jappartjeni lid-debitur tieghu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun mehuda in jure debitoris u mhux in jure suo.*

*Bid-dispost ta` dan l-artikolu, il-kreditur qieghed jigi protett mill-konsegwenzi tan-negligenza tad-debitur li jagixxi biex jigbor dak dovut lilu bir-rizultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur.*

*L-uniku limitazzjoni hija li kreditur ma jistax jezercita jeddijiet jew azzjonijiet ghal kollox personali bhal per ezempju, kaz ta` separazzjoni, divorzju jew talba ghall-filjazzjoni ossija bhalma huma kawzi li ghandhom x`jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi mieghu (Zahra et vs C. Pace et, Appell Nru: 518/1995 deciza fit-3 ta` Marzu, 2006).*

*Fil-kawza 'Stephenson vs Sciberras Camilleri noe' (Cit Nru: 799/98 JRM deciza fit-30 ta` Mejju, 2002) intqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova :*

*Illi ghall-ezercizzju tal-azzjoni surrogatorja min-naha tal-kreditur, m`huwiex mehtieg il-kunsens tad-debitur tieghu, u din tista` tinbeda minkejja l-oppozizzjoni li d-debitur jista` juri. Lanqas jista` jinghad li, bl-agir tal-kreditur,*

*issehh surroga - fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan il-kuncett – fil-jeddijiet li d-debitur jista` jkollu kontra d-debitur tieghu.*

*Ghalhekk, ghalkemm din l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala actio indirecta vel obliqua, ma hemm xejn x`izomm lill-kreditur li jmexxi `l quddiem il-pretensjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu ;*

*Illi, bhal f`kull azzjoni ohra, il-kreditur irid juri li ghandu nteress li jressaq l-azzjoni, liema nteress, per ezempju, jigi nieqes jekk kemm-il darba m`hemm l-ebda dubju li ddebitur tieghu huwa solventi jew jekk l-istess debitur ikun diga` beda minn rajh proceduri kontra d-debituri tieghu biex jithallas minghandhom (Amos & Walton, Introduction to French Law, pag.242).*

*Fid-dawl tal-attwalita` tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu jrid ikun dovut, u mhux sospiz b`xi kundizzjoni li zzommu milli jista` jibda` procedura diretta kontra d-debitur tieghu ;*

*Illi, madankollu, l-attur kreditur huwa prokurator in rem suam, u fl-azzjoni surrogatorja ghandu interess personali li mhux dejjem jaqbel ma` dak tad-debitur tieghu (Ara kawza fl-ismijiet Galea vs Attard et deciza fit-13 ta` Gunju 1959, Kollez. Vol. XLII.II.1102). Kif inhuwa sewwa mghallem mill-awturi dwar dan is-suggett, l-attur kreditur fl-azzjoni surrogatorja, iressaq azzjoni msejsa fuq jedd ' … non suo ma sibbene del debitore, e quindi agisce non `jure proprio` ma `ex juribus debitoris`, e sotto tale rispetto e` un avente causa del debitore, e non un terzo; attore nel suo interesse personale, perche` non ha in mira il vantaggio del debitore, ma soltanto il suo, che consiste nel conseguire, o subito o piu` tardi, il pagamento del credito proprio.' (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, Vol II, par. 197)*

*Din hija silta tassew cara li turi sewwa kif ghandha titqies l-azzjoni surrogatorja; Illi l-mistoqsija li tinqala` hija jekk il-kreditur huwiex mehtieg li jharrek biss lid-debitur tad-debitur tieghu jew jekk ghandux iharrek ukoll lid-debitur ewlieni. Ghalkemm il-ligi taghna hija siekta fuq dan il-fatt, ghall-kuntrarju ta` dak li tipprovdi l-ligi taljana (Ara art 2900 tal-Kodici Civili*

*Taljan), il-bixra minn dejjem kienet li tqis bhala mehtieg li d-debitur ikun imharrek ukoll, biex issentenza li tinghata favur il-kreditur, tkun torbot lid-debitur tieghu ukoll u biex il-gudizzju jkun shih (Ara per ezempju, Ripert & Boulanger, Traite` elementaire de droit Commercial, Vol II par 1382; u App Civ 29.4.1945 fil-kawza fl-ismijiet Paris et vs Grech pro et noe, Kollez. Vol XXXII.I.125 u Kumm 15.4.1955 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri noe vs Spiteri Debono, Kollez Vol XXXIX.II.602). Dan ghaliex filkaz ta` success fl-azzjoni surrogatorja, il-kreditur ma jikseb l-ebda privilegg fuq il-gid mirbuh, li jidhol fil-patrimonju taddebitur tieghu u jibqa` suggett ghal xi jeddijiet li kredituri ohrajn ta` dak id-debitur jista` jkollhom fuq hwejgu, sakemm f`kaz eccezzjonali ma ssirx talba diretta millkreditur attur ghall-kundanna tad-debituri tad-debitur tieghu ghall-hlas lilu tal-kreditu dovut (Cassazione 10.1.1996).*

*F`din l-istess sentenza ntqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova (a) li hu tassew kreditur tad-debitur; (b) li l-kreditu tieghu huwa fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali; (c) li d-debitur ikollu jedd, ta` natura patrimonjali, u miftuh ghalih, kontra d-debitur tieghu; (d) li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma mpurtahx, li b`ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu; (e) li, bin-nuqqas tal-agir f`waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur; (f) f`kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, irid jipprova wkoll li l-kreditu tad-debitur tieghu li dan ghandu kontra t-terz debitur.*

*L-azzjoni ndiretta hija azzjoni li ssir in nomine debitoris, u minnha jgawdu l-kredituri kollha tal-ewwel debitur. Jekk tirnexxi l-azzjoni, il-hlas li jaghmel it-tieni debitur lillkreditur tieghu, jidhol fil-patrimonju ta` dak il-kreditur, issa debitur tal-kreditur azjonandi, u kull kreditur tieghu, privileggjat jew le, jkun jista` jesegwixxi l-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Dan ifisser li l-kreditur li jaghmel din l-azzjoni ma jakkwista ebda privilegg bil-fatt li jkun hu li nieda l-azzjoni, izda, jekk jakkwista rizultat pozittiv, ikun irid wara, jikkompeti mal-kredituri l-ohra fuq l-assi hekk awmentati tad-debitur (ara HSBC Bank (Malta) Limited vs Price Club (Swatar) Limited et, Cit Nru: 413/2002 TM deciza fit-12 ta` Ottubru 2006).*

*Kwindi trattandosi ta` azzjoni ndiretta l-interess guridiku li jrid jissussisti huwa dak tal-kreditur fil-konfront tad-debitur tieghu, u wkoll tad-debitur fil-konfront tat-terz … fis-sentenza precitata fl-ismijiet Stephenson vs Dr Sciberras*

*Camilleri nomine ntqal b`mod car li filwaqt li l-kreditur irid jipprova kemm il-kreditu tieghu kontra d-debitur tieghu, u kif ukoll il-kreditu taddebitur tieghu kontra d-debitur ta` dan, l-attur kreditur jista` jaghzel kemm li jikkonferma b`azzjoni precedenti l-kreditu tieghu kontra d-debitur, imma jista` wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnifisha. Dan izda jfisser li, f`kaz fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel mal-kreditur ikollu sentenza jew titolu esekuttiv iehor li jikkonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas tal-kreditu. Jekk ghal xi raguni, l-attur kreditur ma jsehlux jeghleb dan l-ewwel ghan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi `l quddiem ghat-tieni rigward. Infatti dan huwa dak li l-atturi qeghdin jittentaw jaghmlu permezz ta` l-azzjoni odjerna u dan jirrizulta mill-premessi u mit-talbiet attrici."*

Dan kollu premess, il-Qorti tirrileva illi fil-kaz tal-lum, meta gietipprezentata l-kawza, ma kienx ippruvat illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuta. Infatti, ghalkemm fuq l-iskorta tal-principji tad-dritt fuq esposti, l-attur kreditur jista` jaghzel li jikkonferma b`azzjoni precedenti l-kreditu tieghu kontra d-debitur, huwa jista` wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnfisha.

Madanakollu, l-attur ma adopera l-ebda wahda minn dawn il-mizuri.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici taghmel referenza ghall-kawza bin-numru 1240/2010 deciza fit-28 ta` Ottubru 2013 fejn l-attur (ir-rikorrenti fil-kawza tal-lum) kien kanonizzat kreditur ta` Pauline Micallef (wahda mill-konvenuti fil-kawza odjerna) fl-ammont ta` €1,164,686.70c oltre l-imghax legali.

Fil-kors tal-gbir tal-provi, il-Qorti tirrileva li fl-ebda mument ma sar l-icken accenn ghall-fatt illi kien hemm kawza pendenti ohra.

Lanqas ma saret xi talba lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tal-atti ta` dik il-kawza.

Accertati dawn il-fatti, fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax taccetta l-argument tal-konvenuti meta dawn isostnu li huwa nkoncepibbli kif is-socjeta` attrici tista` targumenta li tista` tibbaza l-pretensjonijiet taghha fil-kawza odjerna fuq sentenza illi kienet deciza sentejn wara li kienet istitwita l-kawza tal-lum.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri **(AE)** moghtija fil-kawza '**Galea vs Zammit Haber et**' tad-9 ta` Mejju 2007 (konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta` Mejju 2010) fejn inghad hekk :-

*"F`dan ir-rigward wiehed jista` wkoll jaghmel riferenza ghall-principju tal-jus superveniens. Kuncett li gie applikat mill- Qrati taghna anke meta difett inizjali gie sanat bissopravenienza tad-dritt per ezempju wara l-eccezzjonijiet, sahansitra wkoll meta l-kawza kienet fi stadju ta` appell.*

*Hekk per ezempju fil-kawzi Carmela Catro` vs Arturo Grech et deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Mejju 1947 (Vol. XXXIII.i.108.):- "illi wara s-sentenza ta` l-Ewwel Qorti l-appellanti pprezentat ic-cedola ta` l-irkupru u b`hekk irradikat id-dritt taghha pretiz fic-citazzjoni. In vista ta` dan, u bis-sahha tal-principju jus superveniens firmat actionem vel exceptionem, ma jistax jinghad izjed li l-appellanti ma ghandhiex interess ghall-ezercizzju ta` l-azzjoni prezenti, li ghandha bhala skop li twaqqa` permuta li tippretendi falza u simulata, biex thares id-dritt taghha ta` l-irkupru u tlesti triq ghall-kawza tar-rivendizzjoni. Ghalhekk biss, ghallmotiv tal-jus superveniens fuq imsemmi, hemm lok li ssentenza ta` l-Ewwel Qorti tigi revokata, u li l-kawza tigi mibghuta lill-istess Qorti ghat-trattazzjoni u definizzjoni filmeritu".*

*Bhal din is-sentenza hemm ohrajn :- Salvino Abela vs Jimmy Spagnol deciza mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta` Jannar, 1986 ; Antonio Falzon vs Salvatore Camilleri et deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-8 ta` Frar, 1943 (Vol. XXXI.i.588) ; u Maria Concetta Cardona vs Salvatore Bonnici et deciza mill-Qorti ta` l- Appell fit-30 ta` Gunju 1947 (Vol. XXXIII.i.195).”*

Ghandu jinghad illi bl-azzjoni skond l-Art 1143 tal-Kap 16, kreditur jagixxi sabiex jiggarantixxi d-debitu tieghu stess, u sabiex jahseb ghal sitwazzjoni fejn id-debitur ma jkun qieghed jaghmel xejn sabiex jipprova jhallas lura d-debitu tieghu.

Bl-applikazzjoni tal-insenjamenti tal-fuq riferita sentenza “**Azzopardi et vs Mompalao pro et noe et**”, il-Qorti ssib illi :

a) s-socjeta` attrici hija kreditrici kanonizzata tal-konvenuta Micallef ;

b) l-kreditu pretiz mill-kumpannija attrici mhuwiex fattwali ;

c) d-debitrici ghandha jedd ta` natura patrimonjali u miftuh ghaliha kontra d-debitur taghha ;

d) madanakollu s-socjeta` attrici kellha turi li d-debitrici taghha naqset li bl-ghaqal mehtieg tmexxi biex tiehu li haqqha minghand id-debitur taghha. Dik il-prova ma tressqet fl-ebda stadju ta` dawn il-proceduri, peress li fl-ebda hin ma tressqu provi dwar x` inhu jsir mid-debitrici biex thallas id-dejn taghha. L-uniku allegazzjoni li saret f`dan ir-rigward kienet li kienet giet istitwita procedura ghad-divizjoni tal-wirt u giet ceduta mill-istess debitrici ;

e) lanqas ma rrizulta li l-attrici qed iggarrab pregudizzju fil-jedd taghha li tigbor il-hlas minghand l-istess debitrici, peress li baqghu ma tressqux provi dwar x` inhu l-pregudizzju jekk jezisti ;

f) in vista tal-kontestazzjoni tal-konvenuti, kien jispetta lill-attrici li taghmel il-prova tal-kreditu li d-debitrici taghha ghandha kontra t-terz debitur. Din il-prova ma tissussistix peress li ma ngabet l-ebda prova li d-debitrici principali hija wkoll kreditrici kanonizzata tad-debitur taghha Alphonse Sant.

It-talba fil-kawza tal-lum mhijiex sabiex issir id-divizjoni tal-wirt tal-genituri tal-konvenuti, izda li jinghata rendikont ta` l-amministrazzjoni ta` dak il-wirt u tigi likwidata l-parti spettanti lill-konvenuta skond dik l-amministrazzjoni. Madanakollu baqghu ma tressqux provi dwar l-amministrazzjoni, u dwar l-introjtu li allegatament dahal fil-wirt. Is-socjeta` attrici setghet ressqet lill-konvenuti biex jixhdu in subizzjoni sabiex permezz tad-deposizzjoni taghhom tohrog prova sal-grad rikjest mil-ligi dwar l-introjtu li l-konvenut Sant allegatament ha u qieghed jiehu mill-proventi tal-wirt. Eppure l-Qorti baqghet rinfaccjata b`allegazzjoni avvanzata minn Anton Camilleri ghas-socjeta` attrici fis-sens li huwa baghat xi ittri. Fil-fatt kienet esebita kopja ta` ittra ufficjali tas-16 ta` Lulju 2007 (Dok A) li pprezentat is-socjeta` attrici kontra Alphonse Sant fejn ressqet pretensjonijiet fuq il-binarji li segwiet fil-kawza tal-lum. Ghal din l-ittra ufficjali, kien hemm risposta ta` Alphonse Sant permezz ta` ittra tal-24 ta` Lulju 2007 (Dok B) fejn kienu michuda l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici. L-ittra ufficjali Dok A ma tikkostitwix prova tal-fondatezza tal-pretensjonijiet attrici. Waqt il-kawza, baqghu ma tressqux bhala xhieda l-inkwilini li suppost li qalu lil Anton Camilleri illi kienu hallsu l-kera lil Sant. Lanqas tressqu dawn l-istess persuni sabiex mqar jikkonfermaw l-allegazzjoni ta` Anton Camilleri. Karenti provi daqstant determinanti, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Ghall-istess raguni, din il-Qorti mhijiex ser taghmel analizi tal-istitut ta` l-antikresi u l-eccezzjonijiet relatati, stante li qeghda tichad it-talbiet attrici abbazi tal-insostenibilita` tal-azzjoni skond l-Art 1143 tal-Kap 16. Lanqas ma tista` l-Qorti tilqa` t-talba attrici sabiex Alphonse Sant jigi ordnat jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tal-wirt ta` Rita u Rosario konjugi Sant u t-talba attrici sabiex fin-nuqqas tkun il-Qorti li tiffissa s-somma li tispetta minn din l-amministrazzjoni, ladarba ma rrizultawx ippruvati r-rekwiziti tal-azzjoni skond l-Art 1143 tal-Kap 16.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tiddisponi mill-eccezzjonijiet billi tiddikjara li l-azzjoni attrici hekk kif promossa bhala l-*actio debitoris debitoris mei* skond l-Art 1143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta hija legalment insostenibbli.**

**Ghalhekk qeghda tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici.**

**Tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha kif ighid l-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta billi fil-kawza kien hemm involuti kwistjonijiet difficli ta` dritt.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------